

## II

(*Atti mhux leġiżlattivi*)

## REGOLAMENTI

### REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/543

tad-9 ta' Marzu 2023

li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 686/2012 fir-rigward tal-allokazzjoni lill-Istati Membri, għall-finijiet tal-proċedura tat-tiġdid, tal-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi li l-approvazzjoni tagħhom tiskadi bejn il-31 ta' Jannar 2029 u l-1 ta' Ottubru 2035

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqeħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 686/2012 (²) jalloka l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi lil Stat Membru relatur u lil Stat Membru korelatur, għall-finijiet tal-proċedura tat-tiġdid. Billi l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi li l-approvazzjoni tagħhom tiskadi bejn l-31 ta' Jannar 2029 u l-1 ta' Ottubru 2035 għadha ma ġietx allokata lil Stat Membru relatur jew lil Stat Membru korelatur, jixraq li din l-allokazzjoni ssir.
- (2) Jenħtieġ li dik l-allokazzjoni ssir b'tali mod li jiżgura bilanċ bejn l-Istati Membri fir-rigward tad-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet u tax-xogħol.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 686/2012 jiġi emendat skont dan.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kunitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 686/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

(¹) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

(²) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 686/2012 tas-26 ta' Luju 2012, li jalloka lill-Istati Membri, għall-finijiet tal-proċedura ta' tiġid, l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi (ĠU L 200, 27.7.2012, p. 5).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2023.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNESS

Fl-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 686/2012, tiżdied din il-Parti E:

## “PARTI E

L-allokazzjoni tal-evalwazzjoni ta' sustanzi attivi li l-approvazzjoni tagħhom tiskadi bejn il-31 ta' Jannar 2029 u l-1 ta' Ottubru 2035

Sustanza attiva	Stat Membru Relatur	Stat Membru Korelatur
1-metilċiklopropen	DE	EL
2,4-D	DE	EL
2,4-DB	EL	IE
ABE-IT 56	FR	PT
Aċetamiprid	DE	ES
Aċibenżolar-S-metil	ES	BE
<i>Ampelomyces quisqualis</i> razza AQ10	SE	NL
<i>Bacillus amyloliquefaciens</i> razza FZB24	DE	AT
<i>Bacillus subtilis</i> razza IAB/BS03	ES	AT
<i>Beauveria bassiana</i> razza 203	DK	NL
<i>Beauveria bassiana</i> razza IMI389521	SE	NL
<i>Beauveria bassiana</i> razza PPRI 5339	SE	NL
Aċidu benżojku	HU	CZ
Karfentrażon-etyl	FR	DE
Karvon	IT	NL
Cerevisane	ES	DE
<i>Clonostachys rosea</i> razza J1446	HU	AT
<i>Coniothyrium minitans</i> razza CON/M/91-08	AT	EE
COS-OGA	FR	HR
Čjalofop-butil	CZ	BE
Ċipermetrina	CZ	DE
Dimetenammid-P	BE	DE
Etofumesat	AT	FI
Feneżammid	BE	CZ
Fosfat ferriku	PL	DK
Pirofosfat ferriku	CZ	FR
Flażasulfuron	ES	PL
Florasulam	CZ	FR
Florpirawksifen-benžil	FR	IT
Flutjanil	DE	EL
Foramsulfuron	FR	SK
Forklorfenuron	ES	BE

Jodosulfuron	BE	FR
Iprovalikarb	SE	LV
<i>Isaria fumosorosea</i> razza Apopka 97	NL	AT
Isossaflutol	SE	BE
Laminarina	EL	FR
Lavandulil seneċċoat	SE	NL
Idražid malejku	SI	IT
Mefentriflukonażol	ES	FR
Mežosulfuron	PL	SE
Mežotrión	NL	SK
Metalassil-M	DE	EL
L-iżolat Ħafif VC 1 tal-Virus tal-Mużajk tal-Pepino	FR	DE
L-iżolat Ħafif VX 1 tal-Virus tal-Mużajk tal-Pepino	FR	DE
<i>Pasteuria nishizawae</i> Pn1	NL	DK
Virus Pepino mosaic razza CH2 iżolat 1906	FI	BE
Petossammid	AT	FR
Phlebiopsis gigantea razza FOC PG 410.3	EE	FI
Phlebiopsis gigantea razza VRA 1835	EE	FI
Phlebiopsis gigantea razza VRA 1984	EE	FI
Pikolinafen	LT	IT
Proposikarbażon	SE	BE
Piraflufen-etil	DE	FR
Piridat	AT	DE
Piriprossifen	ES	BE
<i>Saccharomyces cerevisiae</i> razza LAS02	EL	AT
Siltijofam	NL	IE
Idroġenukarbonat tas-sodju	AT	FR
Sulfosulfuron	IE	SE
Tijabendażol	NO	ES
Tifensulfuron-metil	FR	DK
Tolklofos-metil	FI	SE
Tribenuron	FR	SE
<i>Trichoderma atroviride</i> razza SC1	SI	NL
Trifloksistrobin	HR	DE
<i>Verticillium albo-atrum</i> razza WCS850	NL	SE
Żossammid	BE	PL"